| | |
|---|---|
| Prim Ministru | Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar |
| *Chairperson*,<br>Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi | Ministru għal Għawdex |

**A.L. XX tal-2020**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)**

REGOLAMENTI TAL-2020 DWAR IL-KONSERVAZZJONI TAL-GĦASAFAR SELVAĠĠI (QAFAS LI JIPPERMETTI DEROGA GĦAL RIĊERKA FUQ SEBA' SPEĊI TAL-GĦASAFAR TAL-GĦANA SABIEX TIĠI STABBILITA L-POPOLAZZJONI TA' REFERENZA TA' MALTA)

BIS-SAĦĦA tal-setgħat mogħtija mill-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, flimkien mal-Ministru għal Għawdex, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

*Titolu u skop.*
*L.S. 549.42*
**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa ir-Regolamenti tal-2020 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas li jippermetti Deroga għal Riċerka fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana Sabiex Tiġi Stabbilita l-Popolazzjoni ta' Referenza ta' Malta).

(2) L-Iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jiġi stabbilit qafas li jippermetti deroga għal riċerka fuq seba' speċi tal-għasafar tal-għana, enumerati f'regolament 2 (imsemmija bħala l-"ispeċi relevanti" għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti), sabiex tiġi stabbilita l-popolazzjoni ta' referenza ta' Malta, fuq il-bażi tal-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (id-Direttiva tal-Għasafar), b'mod partikolari flimkien mal-Artikolu 10 u l-Anness V(ċ) tad-Direttiva tal-Għasafar, u skont id-dispożizzjonijiet tas-sub-regolament 9(1) (e) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi". B'mod speċifiku, dawn ir-regolamenti għandhom l-għan li tinġabar biżżejjed informazzjoni xjentifika biex tippermetti lil Malta tintroduċi reġim derogatorju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Għasafar li tissodisfa l-kritejru tan-numri żgħar kif interpretat mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha bin-numru C-557/15.

*Tifsir.*
**2.** (1) Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament 2(1) ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

Updated Draft

"ċurkett li jintuża darba" tfisser, għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, ċrieket li ġew maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi fl-2016 u 2017 li għandhom il-kodiċi R16U*[1];

"ċurkett xjentifiku" tffisser ċurkett miftuħ li jintlibes fuq sieq l-għasfur maħruġ minn skema li tirrappreżenta persuni bil-liċenza li jlibbsu ċrieket xjentifiċi, ta' daqs li huwa speċifiku għall-ispeċi u li għandu numru ta' identifikazzjoni uniku biex jinżamm rekord taċ-ċaqliq tal-għasfur u l-istorja tiegħu meta jerġa' jinqabad;

"għasfur tat-taħrik jew għajat" tfisser kull għasfur mill-ispeċi relevanti li hu mlibbes ċurkett li jintuża darba, il-bgħula u/jew l-ibridi tagħhom użati mill-persuna bil-liċenza għall-għajat, inklużi dawk użati għat-taħrik skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7(1)(h) tar-Regolamenti dwar-Għasafar Selvaġġi:

Iżda mutazzjonijiet tal-kulur (varjanti tal-kulur) mill-ispeċi relevanti jistgħu jintużaw biss mill-persuna bil-liċenza (i) għall-għajat, mhux għat-taħrik u (ii) sakemm dawn il-mutazzjonijiet tal-kulur huma imlibbsin ċurkett magħluq;

"kontroll" tfisser it-teħid u l-immaniġjar ta' għasafar mill-ispeċi relevanti biex ikun determinat liema kampjuni għandhom ċurkett xjentifiku, biex jiġi rrekordjat in-numru ta' identifikazzjoni taċ-ċurkett xejntifiku, id-dettalji tal-kampjun u l-post minn fejn inqabad, kif speċifikat fil-formola taċ-ċrieket maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, segwita bil-ħelsien immedjat fis-selvaġġ tal-kampjuni kollha mill-istess sit tar-riċerka, u s-sottomissjoni tal-informazzjoni miġbura kif speċifikat fil-liċenza speċjali;

"liċenza speċjali" tfisser liċenza maħruġa skont ir-regolament 5 u li għandu jkollha, għall-iskop tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, l-istess tifsira tal-kelma "liċenza";

"perjodu ta' riċerka" tfisser il-perjodu, stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 4, li matulu għasafar mill-ispeċi relevanti huma ikkontrollati u/jew, imlibbsin ċurkett xjentifiku u/jew, *satellite-tags* (*geo-locators*) minn siti ta' riċerka sabiex tinkiseb informazzjoni dwar għasafar li jkollhom ċurkett sabiex tiġi stabbilita l-popolazzjoni ta' referenza ta' Malta tal-ispeċi relevanti;

"persuna bil-liċenza" tfisser persuna naturali li għandha 18-il sena jew aktar u li għandha liċenza speċjali maħruġa skont dawn ir-regolamenti;

"persuna li tlibbes ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar" tfisser persuna li għandha liċenza maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi sabiex twettaq attivitajiet ta' tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 23 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi;

"*satellite-tags*" jew "*geo-locator*" tfisser, għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, apparat elettroniku żgħir u ħafif li jitlibbes lill-kampjun tal-ispeċi relevanti sabiex it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi t~~i~~kun tista' tis~~u s~~tudja~~ti~~ r-rotot migratori tagħhom;

"sit tar-riċerka" jew "sit" tfisser dik iż-żona mmarkata b'mod ċar fuq pjanta approvata għal dak il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 5(4) u reġistrata mal-Kummissajru tal-Pulizija u li m'għandhiex aktar minn stazzjon wieħed (1) minn fejn issir ir-riċerka;

"speċi relevanti" tfisser Gardell (*Carduelis carduelis*), Verdun (*Chloris chloris*), Taż-Żebbuġ (*Coccothraustes coccothraustes*), Sponsun (*Fringilla coelebs*), Ġojjin (*Linaria cannabina*), Apparell (*Serinus serinus*) u Ekru (*Spinus spinus*);

"stazzjon ta' riċerka" tfisser il-periferija ġewwa s-sit tar-riċerka li tikkonsisti f'mhux aktar minn mansab wieħed (1) minn dura waħda, u li jista' jintuża minn persuna jew aktar li jkollha il-liċenza, b'kull xibka ta' daqs ta' mhux aktar minn ~~għoxrin~~ tmienja u tletin (~~20~~38) metru kwadru, u l-mansab ikun immarkat individwalment b'linka ħamra fuq il-pjanta approvata;

[1] Ebda ċrieket li jintużaw darba, kemm ġodda jew sostituti, ma jingħataw lill-persuni bil-liċenza. Dawn iċ-ċrieket ġew awditjati minn nutar pubbliku u huma maħżuna għall-skopijiet ta' verifiċi fil-futur meta u kif meħtieġ.

Updated Draft

"tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar" tfisser metodu ta' riċerka ibbażat fuq l-immarkar individwali ta' għasafar selvaġġi bil-ħsieb li jipprovdi informazzjoni dwar ir-rati ta' sopravivenza tal-ispeċi, migrazzjoni, iċ-ċaqliq u l-mod ta' kif jitferrxu, id-dinamika tal-popolazzjoni u l-proċessi ekoloġiċi għal skopijiet ta' konservazzjoni, li jinvolvi:

(a) it-teħid u l-immaniġġjar ta' għasafar selvaġġi;

(b) it-tqegħid fuq għasfur selvaġġ ta' ċurkett xjentifiku li jkun immarkat b'mod uniku li jippermetti l-identifikazzjoni individwali;

(ċ) it-teħid ta' diversi qisien bijomettriċi bħal daqs, piż, il-kondizzjoni tal-ħrif tar-rix u indikazzjonijiet ta' età u sess tal-kampjun;

(d) l-irrekorjdar tan-numru ta' identifikazzjoni taċ-ċurkett xjentifiku u l-informazzjoni bijomettrika permezz ta' database xjentifika speċjali aċċessibbli għall-persuni li jlibbsu ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar u riċerkaturi f'reġjuni jew pajjiżi oħrajn; u

(e) ir-rilaxx immedjat lura fis-selvaġġ tal-għasafar maqbuda wara li jittieħdu l-qisien neċessarji u t-tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi u/jew it-tqegħid ta' *satellite-tags* (*geo-locators*), jew wara li tiġi rrekordjata l-informazzjoni neċessarja mill-kampjuni ta' għasafar li jkunu diġa imlibbsa ċurkett xjentifiku u/jew *satellite-tag*;

*L.S. 549.42*
*L.S. 549.44*
"żona protetta" għandha l-istess tifsira mogħtija mir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi;

*Teħid u immaniġġjar ta' għasafar mill-ispeċi relevanti*
**3.** (1) Għasafar mill-ispeċi relevanti jistgħu jinqabdu biss permezz ta' mansab għall-iskop ta' kontroll u/jew, tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi u, jew *satellite-tags* (*geo-locators*), skont id-dispożizzjonjiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) L-kampjuni kollha għandhom jiġu meħlusa minnufih lura fis-selvaġġ, anke dawk li ma jiġux mlibbsa ċurkett xjentifiku jew *satellite-tag*:

Iżda qabel il-ħelsien immedjat tal-għasafar kollha mill-ispeċi relevanti li għandhom ċurkett xjentifiku, il-persuna bil-liċenza għandha tirrekorjda d-dettalji ta' kull kampjun u n-numru ta' identifikazzjoni taċ-ċurkett xjentifiku fil-formola taċ-ċrieket maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi:

Iżda wkoll qabel il-ħelsien immedjat tal-għasafar kollha mill-ispeċi relevanti li m'għandhomx ċurkett xjentifiku, dawn l-għasafar jistgħu jiġu mlibbsa *satellite-tag* mill-persuna bil-liċenza jew b'ċurkett xjentifiku u/jew, *satellite-tag* minn persuna li tlibbes ċrieket xjentifiċi bil-liċenza:

Iżda wkoll persuni biss li għandhom il-liċenza li~~, waqt iż-żmien tal-applikazzjoni li jista' jiġi stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament 5(6), jiddikkjaraw l-intenzjoni tagħhom li jlibbsu *satellite-tags* fuq kampjuni mill-ispeċi relevanti waqt il-perjodu tar-riċerka u li~~ jattendu sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-użu ta' *satellite-tags* tista' tingħatalhom liċenza separata speċjali biex ikunu jistgħu jlibbsu *satellite-tags* u għandhom ikunu soġġetti għall-kondizzjonijiet kollha kif misjuba fil-liċenza speċjali skont ir-regolamenti 5, 6 u 7:

~~:~~

Iżda wkoll il-formoli taċ-ċrieket għandhom jingħataw lura lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi matul il-perjodu stabbilit mit-Taqsima wara l-għeluq tal-perjodu tar-riċerka~~, u l-informazzjoni kollha tas-*satellite-tags* għandha tiġi sottomessa fi żmien sena (1) minn meta jingħalaq il-~~

Updated Draft

~~perjodu tar-riċerka u minn dakinhar 'il quddiem kull sena sakemm tibqa' tiffunzjona s-*satellite tag*, f'format kif preskritt mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi~~.

(3) Fejn persuna jkollha liċenza speċjali maħruġa skont dawn ir-regolamenti, dik il-persuna bil-liċenza ma tistax tuża xbieki li jkollhom malju ta' inqas minn 18mm x 18mm:

Iżda x-xbieki msemmija f'dan is-subregolament għandhom jikkonsistu f'żewġ xibkiet paralleli mifruxa ċatti mal-art li jaqbdu l-għasafar billi jinqelbu fuq xulxin mal-art, u li jiġu kkargati, meqluba u mrodda lura biss mill-bniedem mingħajr l-użu ta' mezzi ta' saħħa esterna, inklużi mezzi elettriċi, elettroniċi, jew mekkaniċi, u l-ikbar daqs ta' kull xibka m'għandu f'ebda każ jaqbeż ~~l-għoxrin~~it-tmienja u tletin (38~~20~~) metru kwadru:

*L.S. 549.74*
Iżda wkoll jekk dik il-persuna bil-liċenza għandha kemm il-liċenza speċjali maħruġa skont dawn ir-regolamenti kif ukoll il-liċenza speċjali maħruġa skont ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera), dik il-persuna bil-liċenza tista' tuża biss mansab wieħed bi xbieki li jkollhom malju ta' mhux inqas minn 18mm x 18mm għat-teħid tal-ispeċi kollha permessibbli skont iż-żewġ liċenzi speċjali, f'liema każ, id-daqs ta' kull xibka xorta m'għandux jaqbeż ~~l-għoxrin~~it-tmienja u tletin (~~20~~38) metru kwadru:

*L.S. 549.74*
Iżda wkoll jekk dik il-persuna bil-liċenza għandha kemm il-liċenza speċjali maħruġa skont dawn ir-regolamenti kif ukoll il-liċenza speċjali maħruġa skont ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera) u jekk it-tieni mansab huwa użat mill-persuna bil-liċenza għat-teħid tal-Pluviera u/jew, tal-Malvizz biss, id-daqs tal-malju u tax-xibka tat-tieni mansab għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet ta' dak il-qafas regolatorju.

*Dikkjarazzjoni ta' perjodu ta' riċerka.*
**4.** Għall-finijiet tat-tieni proviso tas-subregolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu ta' riċerka għall-ispeċi relevanti għandu jkun ta' mhux aktar minn erbgħa u sittin (64) jum li fih il-Ministru jista' jiddeċiedi li jiddikkjara perjodu ta' riċerka għall-ispeċi relevanti permezz ta' avviż legali:

Iżda, meta jiddikkjara perjodu ta' riċerka għall-ispeċi relevanti, il-Ministru għandu jistabbilixxi li m'hemmx soluzzjoni sodisfaċenti oħra skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-Għasafar u li hija proporzjonata għall-għanijiet previsti kif misjuba fis-subregolament 1(2), b'mod partikolari fid-dawl tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva tal-Għasafar, u wara li jkun ikkunsidra r-rakkomandazzjoniijet tal-Kumitat Ornis ta' Malta.

*Liċenza Speċjali.*
**5.** (1) It-teħid u l-immaniġġjar ta' għasafar mill-ispeċi relevanti għal raġunijiet ta' riċerka huwa projbit ħlief meta jsir bil-liċenza speċjali maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi skont dawn ir-regolamenti u din ir-riċerka għandha ssir biss waqt il-perjodu ta' validita' tal-liċenzja speċjali.

(2) Liċenzi speċjali maħruġa skont dawn ir-regolamenti għandhom ikunu bi ħlas ta' dritt stabbilit mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u mir-Regolamenti tal-2020 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni Dwar Deroga li Tippermetti Perjodu ta' Riċerka fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana Sabiex Tiġi Stabbilita l-Popolazzjoni ta' Referenza ta' Malta) maħruġa għal dik is-sena speċifika.

(3) Liċenza speċjali għall-ispeċi relevanti għandha tinħareġ biss jekk il-persuna:

(a) għandha liċenzja ġenerali valida għall-insib jew liċenza ġenerali valida biex twettaq attivitajiet ta' tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar maħruġa skont ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi;

Updated Draft

(b) tissodisfa l-kondizzjonijiet misjuba fl-Iskeda IV tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, kif applikabbli;

(ċ) tissottometti pjanta tas-sit li turi l-mansab b'mod ċar u mmarkat bil-linka ħamra fuq pjanta approvata mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi;

(d) tattendi kors obbligatorju dwar l-għanijiet tar-riċerka ta' dawn ir-regolamenti, dispożizzjonijiet legali applikabbli u kriterji oħra relevanti u tgħaddi mill-eżami ppreparat għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi;

(e) tiffirma dikkjarazzjoni misjuba fil-formola ta' applikazzjoni għal-liċenzja speċjali fejn tikkonferma li se taqra, tifhem u se timxi mad-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet kollha tal-liċenza speċjali.

(4) Għall-finijiet tas-subregolament 3(ċ), it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi tikkonsidra mansab bħala approvat biss jekk il-kriterji li jmiss huma sodisfatti:

(*a*) il-mansab m'għandux ikun f'żona protetta kif definit fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi; u

(b) l-istazzjon ta' riċerka m'għandux ikollu aktar minn mansab wieħed (1) għall-ispeċi relevanti u l-persuna bil-liċenza ma tistax tuża aktar minn mansab wieħed (1) għall-ispeċi relevanti fi kwalunkwe ħin.

(5) Mansab reġistrat jista' jintuża minn persuna jew aktar li għandhom il-liċenza speċjali waqt il-perjodu ta' riċerka għall-ispeċi relevanti.

(6) Applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenza speċjali għall-ispeċi relevanti għandha tiġi sottomessa biss fil-perjodu stipulat għal dan l-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

*Validità tal-liċenza speċjali.*
**6.** (1) Liċenza speċjali hija valida biss għall-perjodu ta' riċerka kif iddikkjarat fin-notifika tad-deroga ppublikat b'avviż legali.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), liċenza speċjali għandha:

(a) tiġi sospiża minnufih jekk il-persuna bil-liċenza tiġi akkużata b'reat kontra r-regolament 27 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi;

(b) tiġi revokata jekk il-persuna bil-liċenza tiġi misjuba ħatja ta' reat kontra r-regolament 27 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi; u

(ċ) tiskadi u titqies bħala revokata hekk kif il-Ministru jordna, b'avviż fil-Gazzetta jew b'avviż ieħor, li l-perjodu ta' riċerka għandu jagħlaq minnufih jew f'data oħra speċifikata mill-Ministru. Il-persuni kollha bil-liċenza għandhom jiġu infurmati minnufih dwar din l-iskadenza u revoka tal-liċenza speċjali permezz tas-servizz ta' messaġġi bil-miktub (SMS) fuq in-numru indikat minn dik il-persuna fl-applikazzjoni għall-liċenza speċjali.

*Il-kontenut tal-liċenza speċjali.*
**7.** Kull liċenza speċjali maħruġa skont dawn ir-regolamenti għandha:

*Perjodu ta' riċerka.*
(a) tispeċifika d-dati tal-perjodu ta' riċerka għall-ispeċi relevanti;

*Ħinijiet ipprojbiti.*

Updated Draft

(b) tispeċifika li ma jista' jsir l-ebda teħid minn sagħtejn (2) wara nżul ix-xemx sa sagħtejn (2) qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara;

*Żoni protetti.*
(ċ) tipprovdi li ma jista' jiġi permess l-ebda teħid f'żoni protetti kif misjuba fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi;

*Siti approvati.*
(d) tispeċifika li l-attività ta' riċerka tista' ssir biss f'dawk is-siti li huma approvati għal dak il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi;

*Projbizzjoni ta' użu ta'mhux aktar minn stazzjon ta' riċerka wieħed għall-ispeċi relevanti fl-istess ħin.*
(e) tispeċifika li l-persuna bil-liċenza hija awtorizzata biss biex tuża stazzjon ta' riċerka wieħed (1) għall-ispeċi relevanti fi kwalunkwe żmien u li l-istazzjon ta' riċerka m'għandux ikollu aktar minn mansab wieħed (1) minn dura waħda (1) b'kull xibka jkollha daqs ta' mhux aktar minn ~~għoxrin~~ tmienja u tletin (~~20~~38) metru kwadru u daqs ta' malju ta' mhux inqas minn 18mm x 18mm;

*Projbizzjoni ta' saffi ta' xbieki inkluż 'pockets'.*
(f) tipprovdi li saffi ta' żewġ xbieki jew iktar fuq xulxin jew kwalunkwe modifikazzjoni oħra, inkluż il-ħolqien ta' '*pockets*', huma strettament ipprojbiti;

*Selettività: imnasab.*
(g) tipprovdi li l-persuna bil-liċenza għandha tuża biss mansab imħaddem manwalment u b'mod selettiv bi xbieki tradizzjonali li jikkonsisti f'żewġ xibkiet paralleli mifruxa ċatti mal-art li jaqbdu l-għasafar billi jinqelbu fuq xulxin mal-art, u li jiġu kkargati, meqluba u mrodda lura biss mill-bniedem mingħajr l-użu ta' mezzi ta' saħħa esterna, inklużi mezzi elettriċi, elettroniċi, jew mekkaniċi;

*Selettività: xbieki jitneħħew jew jiġu mgħottija.*
(h) tispeċifika li qabel mal-persuna bil-liċenza titlaq mill-istazzjon ta' riċerka u matul il-ħin ipprojbit, ix-xbieki għandhom jew jitneħħew jew jiġu mgħottija kompletament u li waqt il-ħinijiet kollha permessibbli waqt li l-persuna bil-liċenza tkun fis-sit ta' riċerka, il-mansab għandu jkun sorveljat matul il-ħin kollu:

Iżda l-mansab, inklużi x-xbieki u l-lasti, għandhom jiżżarmaw kompletament minnufih hekk kif jagħlaq il-perjodu ta' riċerka u mneħħija minn fuq is-sit;

*Selettività: għasafar li mhux mill-ispeċi relevanti.*
(i) tipprovdi li, bla ħsara għat-tieni u t-tielet provisos tas-subregolament 3(3), it-teħid, jew li tipprova tieħu għasafar li mhux mill-ispeċi relevanti u l-użu ta' kull mezz sabiex tressaq għasafar li mhux mill-ispeċi relevanti lejn il-mansab huma strettament ipprojbiti, u tipprovdi wkoll li f'każ improbabbli li b'mod aċċidentali jinqabad kampjun minn speċi oħra, dan jiġi meħlus minnufih mill-persuna bil-liċenza;

*Tisfir tal-għasafar irrekordjat minn qabel.*
(j) tillimita ~~pprovdi li~~ l-pussess u/jew, l-użu tat-tisfir tal-għasafar irrekordjat minn ~~qabel huwa ipprojbit anki jekk tali apparat jitħalla waħdu~~għall-għasafar tal-għana biss;

*Taħrik u għajat.*
(k) tillmita l-użu ta' għasafar tat-taħrik u għajat għal għasafar mill-ispeċi relevanti li kienu mlibbsa ċurkett li jintuża darba maħruġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li għandu l-kodiċi R16U, għall-mutazzjonijiet tal-kulur (varjanti) mlibbsa ċurkett magħluq u għall-bgħula u/jew ibridi:

Iżda l-mutazzjonijiet tal-kulur (varjanti tal-kulur) mill-ispeċi relevanti jistgħu jintużaw biss mill-persuna bil-liċenza bħala għajat u mhux għat-taħrik.

*Rekordjar ta' informazzjoni u ħelsien minnufih tal-kampjuni kollha maqbuda.*
(l) teħtieġ li l-persuna bil-liċenza tirrekordja n-numri taċ-ċrieket xjentifiċi, id-dettalji tal-kampjun u tal-post minn fejn inqabad, kif stipulat fil-formola taċ-ċrieket maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, wara li l-kampjuni mill-ispeċi relevanti ikunu tlibbsu ċurkett jew ġew kontrollati,

Updated Draft

segwita bil-ħelsien immedjat tal-kampjuni kollha mill-istess stazzjon ta' riċerka, u teħtieġ ukoll li dik il-formola tingħata lura lit-Taqsima fil-perjodu li jkun stipulat f'ittra maħruġa lill-persuna bil-liċenza wara l-għeluq tal-perjodu ta' riċerka~~:~~

~~Iżda, jekk il-persuna bil-liċenza tlibbes *satellite tags* fuq kampjuni mill-ispeċi relevanti, l-informazzjoni miksuba minn kull *satellite tag* għandha tingħata lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, mhux aktar tard minn sena (1) minn meta jingħalaq il-perjodu ta' riċerka u kull sena minn hemm 'il quddiem sakemm tibqa' tiffunzjona s-*satellite tag*, f'format kif preskritt mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi~~;

*Liċenza ġenerali għall-insib tal-għasafar, liċenza għat-tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi, u pjanta.*
(m) teħteġ li l-liċenza ġenerali għall-insib tal-għasafar jew il-liċenza għat-tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi, skont il-każ, li jservu wkoll bħala mezz ta' identifikazzjoni, u l-pjanta kif approvata mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u reġistrata mal-Kummissajru tal-Pulizija għandhom jinżammu mill-persuna li għandha l-liċenza flimkien mal-liċenza speċjali maħruġa skont dawn ir-regolamenti f'kull ħin li l-persuna li għandha l-liċenza tkun fl-istazzjon ta' riċerka jew tkun ġejja minn jew sejra lejn l-istazzjon ta' riċerka;

*Osservanza ta' kull restrizzjoni legali jew obbligu.*
(n) teħtieġ li kull restrizzjoni legali jew obbligu, inklużi dawk tal-post, dati, ġranet u ħinijiet kif ukoll il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liċenza speċjali, jiġu osservati strettament mill-persuna bil-liċenza;

*Daqs tal-gabjetti waqt il-perjodu ta' riċerka.*
(o) tipprovdi li waqt il-perjodu ta' riċerka, għasafar tat-taħrik u għajat għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti m'għandhomx jinżammu ġo gabjetti ta' inqas minn 190mm tul, 130mm wisa' u 120mm għoli;

*Kondizzjonijiet oħra relevanti.*
*L.S. 549.42*
(p) tipprovdi għal kondizzjonijiet oħra relevanti sabiex jiġi assigurat li d-deroga tkun implimentata b'mod korrett u sorveljata b'mod strett skont ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u d-Direttiva tal-Għasafar (2009/147/KE); u

*Dispożizzjonijiet tar-regolamenti 3 u 6.*
(q) tirriproduċi d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 3 u 6 ta' dawn ir-regolamenti.

*Infurzar.*
**8.** (1) Għaż-żmien li fih ikun miftuħ il-perjodu ta' riċerka, il-Pulizija għandha tagħmel verifiki fuq il-post skont is-subergolament (7) sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet u l-kontenut tal-liċenza speċjali, id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi jkunu qed jiġu osservati.

(2) Jekk xi uffiċjal tal-pulizija, waqt li jkun jagħmel verifiki fuq il-post skont is-subregolament (1), isib raġuni suffiċjenti sabiex jittieħdu proċedimenti kontra xi persuna taħt dawn ir-regolamenti, jew regolamenti oħra relevanti, dak l-uffiċjal għandu minnufih jaqbad mill-pussess ta' dik il-persuna il-liċenza ġenerali għat-teħid tal-għasafar u/jew, il-liċenza għat-tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar skont il-każ, il-liċenza speċjali maħruġa skont dawn ir-regolamenti u kull apparat użat għall-attivitajiet ta' riċerka bi ksur ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda dik il-persuna għandha tkun ipprojbita milli tapplika għal-liċenza speċjali ġdida maħruġa skont dawn ir-regolamenti jew ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, hekk kif tinstab ħatja mill-Qorti.

(3) Jekk waqt li jkun qed jagħmel verifiki fuq il-post skont is-subregolament (1), xi uffiċjal tal-pulizija isib għasfur mill-ispeċi relevanti mlibbes ċurkett magħluq, jew isib għasfur li mhux imlibbes ċurkett li jintuża darba, jew isib għasfur li jkun imlibbes ċurkett li jintuża darba bil-kodiċi WBRU 14 jew 15RU, jew bil-kodiċi R16U iżda li ma kienx maħruġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi fl-2016 u l-2017~~u li għandu l-kodiċi R16U~~, il-persuna li għandha l-liċenza tista' teħel il-penali misjuba fir-

Updated Draft

regolament 27 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi. L-uffiċjal tal-pulizija għandu jeħles minnufih l-għasafar kollha mill-ispeċi relevanti li m'għandhomx ċurkett li jintuża darba mill-istess stazzjon ta' riċerka kif ukoll jieħu mill-persuna bil-liċenza l-għasafar kollha mill-ispeċi relevanti li għandhom ċurkett magħluq jew ċurkett li jintuża darba ~~biss li ma kienx maħruġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u li għandu l-kodiċi R16U~~li mhux awtorizzat:

Iżda dan is-subregolament m'għandux japplika għall-varjanti tal-kulur (mutazzjonijiet), bgħula u ibridi.

(4) Fil-qadi ta' dmirijiethom skont dawn ir-regolamenti il-Pulizija jistgħu jkollhom l-għajnuna ta' marixxalli appuntati għal dak il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. Il-marixxalli hekk appuntati għandu jkollhom l-istess dmirijiet u setgħat mogħtija lill-Pulizija bis-subregolamenti (1) u (2).

(5) Matul is-siegħat kollha li fihom ikun miftuħ il-perjodu ta' riċerka għall-ispeċi relevanti, l-ammont totali ta' uffiċjali tal-pulizija u, jew marixxalli mqabbda biex jagħmlu verifiki fuq il-post għandu jkun madwar ħamsin (50). Barra mill-imsemmija siegħat, għandu jkun hemm fuq ix-xogħol tal-anqas erba' (4) uffiċjali tal-pulizija.

(6) Il-Pulizija, assistita mill-marixxalli kif jista' jkun meħtieġ, għandha tkompli twettaq verifiki fuq il-post għall-inqas għal erbgħa (4) ġimgħat wara li jkun intemm il-perjodu ta' riċerka. Wara li jkun għalaq il-perjodu ta' riċerka għall-ispeċi relevanti, għal kull elf (1,000) liċenza speċjali maħruġa dik is-sena, għandu jkun hemm fuq ix-xogħol għall-inqas erbgħa (4) uffiċjali tal-Pulizija.

*Proċedura operattiva standard.*
(7) Fil-qadi ta' dmirijiethom skont dawn ir-regolamenti, il-Pulizija, assistita mill-marixxalli kif jista' jkun meħtieġ, għandha tagħmel verifiki fuq il-post kuljum b'mod sistematiku matul il-perjodu ta' riċerka kollu fir-reġjuni kollha murija fl-Ewwel Skeda. F'Għawdex, verifiki fuq il-post f'reġjuni 1 u 3 għandhom isiru fl-istess waqt ma' verifiki fuq il-post f'reġjuni 2 u 4 minn uffiċjal tal-pulizija separati. F'Malta, verifiki fuq il-post f'reġjuni 5, 6 u 8 għandhom isiru fl-istess waqt ma' verifiki fuq il-post f'reġjuni 7, 9 u 10 minn uffiċjali tal-pulizija separati. Verifiki fuq il-post f'kull reġjun għandhom isiru kuljum. Il-Puliziija għandha tibgħat lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi ir-riżultat ta' kull verifika fuq il-post, għal kull reġjun, sa mhux aktar tard mill-ġurnata ta' wara, f'format hekk kif maqbul minn qabel mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

*NGOs għandhom jikkooperaw mal-pulizija.*
(8) Kull meta l-pulizija titlob tali għajnuna, rappreżentanti mill-għaqdiet mhux governattivi jistgħu jassistu lill-Pulizija Eżekuttiva u marixxalli maħtura taħt subregolament (4) waqt spezzjonijiet fuq il-post rilevanti għal dawn ir-regolamenti.

*Pubblikazzjoni ta' mnasab approvati.*
(9) Il-*coordinates* tal-imnasab approvati għandhom jiġu ppubblikati fuq l-*internet* mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi minn tal-inqas tlett (3) ijiem qabel jiftaħ il-perjodu ta' riċerka u jkunu disponibbli *on-line* f'kull ħin waqt il-perjodu ta' riċerka.

*Reati.*
**9.** Kull persuna li tonqos milli tosserva xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew il-kontenut tal-liċenza, jew tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi ordni mogħtija leġittimament skont xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew xi waħda mill-kondizzjonijiet tal-liċenza speċjali għall-ispeċi relevanti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-pieni stabbiliti bir-regolament 27 tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi:

Iżda sakemm mhux speċifikat xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, meta r-reat huwa wieħed regolat bir-regolament 27A tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, dak ir-reat għandu jkun soġġett għall-proċeduri hemm imsemmija u għall-penali msemmija fl-Iskeda VIII tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi.

Updated Draft

*Riżerva.*
**10**. Id-dispożizzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti għandhom ikunu bla ħsara għar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux inkonsistenti ma' dawn ir-regolamenti, f'liema każ, u sal-limitu tal-inkonsistenza, dawn ir-regolamenti għandhom jipprevalu.

## L-EWWEL SKEDA

Suddiviżjoni ta' Malta u Għawdex f'reġjuni għal verifiki fuq il-post b'mod sistematiku




Update